



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Frar 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0148(COD)

14649/2/19
REV 2 ADD 1

ENER 529
ENV 970
TRANS 561
CONSOM 328
CODEC 1709
PARLNAT 68

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Frar 2020

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta msemija hawn fuq fi ħdan il-pakkett usa' ta' miżuri dwar il-Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju.
2. Fis-17 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew ikkonsultati u l-ewwel korp biss ta l-opinjoni tiegħu.
3. Fl-4 ta' Marzu 2019, wara diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija, il-Kunsill laħaq Approċċ Ġenerali¹.
4. Fis-26 ta' Marzu 2019², il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata sussegwentement mill-Parlament Ewropew li kien għadu kif ġie elett.
5. Fl-10 ta' Ottubru 2019, bdew in-negozjati bejn iż-żewġ koleġislaturi. It-tieni u l-aħħar trilogu informali dwar il-proposta msemija hawn fuq sar fit-13 ta' Novembru 2019 u ntlaħaq ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew.
6. Fit-22 ta' Novembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) wettaq l-analiżi tiegħu tat-test ta' kompromess proviżorju bil-ħsieb ta' ftehim³.
7. Fl-4 ta' Diċembru 2019, il-president tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tal-Parlament Ewropew (ITRE) indirizza ittra⁴ lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) fejn stqarr li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mat-test mehmuż ma' dik l-ittra, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.

¹ Ref.: dokument 6695/19.

² Dokument T8-0230/2019.

³ Ref.: dokumenti 14152/19 u 14152/19 COR 1.

⁴ Ref. D (2019) 43576.

8. Fis-16 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill ikkonferma l-qbil politiku msemmi hawn fuq⁵ bil-ħsieb li tiġi adottata Pożizzjoni fl-ewwel qari.
9. Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta kif tinsab fid-dokument 14649/19.

II. OBJETTIV

Filwaqt li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra⁶, l-oġettivi ta' din il-proposta huma li tiċċara u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas regolatorju attwali, b'mod partikolari billi:

- testendi r-rekwiżiti li tintwera t-tikketta għat-tajers C3;
- taġġorna t-tikketta tat-tajers, sabiex tippermetti r-reviżjoni tagħha u ttejjeb il-viżibbiltà tagħha għall-konsumaturi;
- tistabbilixxi rekwiżiti marbutin mal-bejgħ fuq-internet u mill-bogħod, kif ukoll għal sitwazzjonijiet oħra fejn il-konsumatur ma jarax it-tajers fiżikament;
- tirrikjedi li t-tikketta tinkludi informazzjoni dwar il-prestazzjoni tat-tajers fuq il-borra u fuq is-silġ;
- tikkunsidra l-possibbiltà li jiġu inklużi l-kilometraġġ u l-brix bħala parametri għat-tikketta, malli jsiru disponibbli metodi ta' ttestjar xierqa;
- tinkludi tajers ittredjati mill-ġdid, ladarba jkun ġie żviluppat metodu ta' ttestjar xieraq biex titkejjel il-prestazzjoni ta' tajers bħal dawn;
- tippermetti r-reviżjoni tal-klassijiet tal-prestazzjoni tat-tajers permezz ta' atti delegati;
- tinkludi obbligu li t-tajers jiġu rreġistrati f'bażi tad-data *ad hoc*.

⁵ Ref.: Anness għan-Nota 14640/19.

⁶ ĠU L 342, 22.12.2009.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

It-test ta' kompromess li ġie kkonfermat mill-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2019 jirrifletti bis-siġh il-ftehim li ntlaħaq mill-koleġislaturi. Huwa jżomm il-bieċa l-kbira tal-oġġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni u, fl-istess ħin, jinkludi l-aktar emendi importanti li ġew adottati mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari tiegħu.

B'mod partikolari, fl-ewwel qari tiegħu, il-Parlament Ewropew adotta aktar minn ħamsin emenda. Matul id-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija, il-Kunsill analizza l-emendi msemmija f'diversi okkażjonijiet.

Sa mill-bidu nett, il-pożizzjonijiet taż-żewġ koleġislaturi dehru li ma kinux imbiegħda ħafna fuq bosta dispożizzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill aċċetta l-bieċa l-kbira tal-emendi tal-Parlament Ewropew tal-inqas parzjalment, xi wħud minnhom fis-sustanza, filwaqt li xi oħrajn anki fil-formulazzjoni eżatta tagħhom. Matul il-fażi tan-negozjati, il-Parlament Ewropew irtira jew neħħa xi emendi.

B. Kwistjonijiet ewlenin

B'mod ġenerali, il-modifiki li saru għall-proposta tal-Kummissjoni jirrispettaw l-għanijiet ġenerali tagħha li:

- tagħti aktar tagħrif lill-konsumaturi dwar l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, is-sikurezza u l-istorbju meta jixtru t-tajers;
- ittejjeb il-preċiżjoni tat-tikketta, filwaqt li tipprovdi informazzjoni rilevanti u komparabbli; u
- timmassimizza l-kontribut tat-tikketta għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Fl-istess ħin, il-koleġislaturi dehru li sabu bilanċ tajjeb bejn l-ambizzjoni fir-rigward tal-għanijiet imsemmija hawn fuq u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jkun jista' jiġi applikat faċilment mis-settur u/jew mill-awtoritajiet mingħajr ma jiġu stabbiliti piżijiet amministrattivi mhux ġustifikati.

B'mod aktar speċifiku, il-modifiki ewlenin imqabbla mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni jistgħu jiġu elenkati kif ġej:

- a) l-Artikolu 2 ġie modifikat biex ikun iċċarat li t-tajers ittredjati mill-ġdid huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament il-ġdid bħal kwalunkwe tajers C1, C2 u C3 oħrajn;
- b) il-lista ta' definizzjonijiet fl-Artikolu 3 ġiet estiża, fejn fiha ġew miżjuda definizzjonijiet ġodda (pereżempju "identifikatur tat-tip ta' tajer") filwaqt li oħrajn ġew iċċarati jew speċifikati aktar (pereżempju "parametru");
- c) l-obbligi tal-fornituri u/jew id-distributuri tat-tajers kif definiti fl-Artikoli 4 u 6 ġew iċċarati aktar: 1) fir-rigward tal-possibbiltà mogħtija lill-fornituri u lid-distributuri biex jagħmlu t-tikketta tat-tajer disponibbli f'nested display, fil-każ ta' riklam viżiv tat-tajer fuq l-internet; u 2) fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Barra minn hekk, ġew miżjuda aktar kjarifiki fir-rigward tar-rwol ta' dawn tal-aħħar u ġiet introdotta wkoll il-possibbiltà (mhux l-obbligu) li dawn l-awtoritajiet jagħmlu verifiki addizzjonali fuq it-tikketta;
- d) id-dati kollha inklużi fl-Artikoli 5(1)(2), 11(5), 17 u 18 dwar l-obbligi tal-fornituri tat-tajers fir-rigward tal-bażi tad-data tal-prodotti u tal-Istati Membri fir-rigward tal-Kummissjoni, it-tħassir tal-qafas regolatorju attwali u d-dħul fis-seħħ ġew estiżi;

- e) l-Artikolu 8 ġie miżjud biex tiġi żgurata konsistenza mal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, fir-rigward tal-obbligi tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jippermettu l-bejgħ ta' tajers permezz tas-sit tal-internet tagħhom;
- f) l-Artikolu 12(4) ġie introdott biex jiċċara li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jirkupraw l-ispejjeż tal-ispezzjoni tad-dokumenti u l-ittestjar fiżiku fuq il-prodotti mill-fornitur f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mill-fornitur mal-qafas regolatorju l-ġdid jew mal-atti delegati rilevanti adottati skont dan;
- g) l-Artikolu 13 ġie modifikat biex jevita r-riklassifikazzjoni tal-klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, il-qabda fuq l-imxarrab u l-istorbju estern tad-dawrien permezz ta' atti delegati. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni issa għandha s-setgħa li tadotta atti delegati kif ġej: 1) sa sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid, sabiex jissupplimentawh, billi jintroduċu rekwiżiti ta' informazzjoni għat-tajers ittredjati mill-ġdid, dment li jkun hemm disponibbli metodu ta' ttestjar xieraq; u 2) sabiex jinkludu parametri jew rekwiżiti ta' informazzjoni għall-brix u l-kilometraġġ tat-tajers, malli jkunu disponibbli metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jittestjaw u jkejlu l-brix u l-kilometraġġ tat-tajers biex jintużaw minn organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali tal-istandardizzazzjoni, u sakemm jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet (jiġifieri, il-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa u l-Kummissjoni tkun wettqet konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti);
- h) ir-riklassifikazzjoni tal-klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, il-qabda fuq l-imxarrab u l-istorbju estern tad-dawrien ma ġietx aċċettata kif proposta mill-Kummissjoni fl-Anness I. Madankollu, il-koleġislaturi pproċedew biex ineħħu l-klassijiet vojta fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u l-qabda fuq l-imxarrab;

- i) fl-Annessi I u II iddaħħlu pittogrammi ġodda u tqassim ġdid tat-tikketta;
- j) l-Anness III tal-proposta tal-Kummissjoni tħassar;
- k) fl-Anness IV, il-koleġislaturi introduċew dispożizzjoni ġdida li tippermetti lill-fornituri u lid-distributuri, fejn rilevanti, jiċċaraw li t-tajers li jaqbdu fuq is-silġ huma ddisinjati speċifikament għal uċuħ tat-toroq li jkunu koperti bis-silġ u l-borra kompatta, u għandhom jintużaw biss f'kundizzjonijiet klimatiċi severi ħafna u li l-użu tat-tajers li jaqbdu fuq is-silġ f'kundizzjonijiet klimatiċi inqas severi jista' jirriżulta fi prestazzjoni subottimali, b'mod partikolari għall-qabda fuq l-imxarrab, il-kontroll tal-vettura u l-ħsara mill-użu;
- l) l-Anness VII ġie miżjud biex jiċċara liema informazzjoni għandha tiddaħħal fil-parti pubblika u fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti.

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-oġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

Dan il-kompromess ġie kkonfermat b'ittra mill-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew indirizzata lill-Presidenza u datata 4 ta' Diċembru 2019. Sussegwentement ġie approvat mill-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2019 permezz tal-konferma tal-qbil politiku bil-ħsieb li tiġi adottata Pożizzjoni fl-ewwel qari.